# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

Is-Seba' Leġislatura

Laqgħa Numru 2/2020

27 ta' Frar, 2020

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:15pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

2.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Viċi Sindku kien għarrafha illi jista' jkun illi jasal ftit tard għaliex kien day duty u kien ser jiġi rilaxxat mix-xogħol fl-4:00pm. Huwa ġie skużat.

2.5 Rapporti

Is-Sindku qal illi peress li kienet preżenti l-Accountant biex tagħti rapport finanzjarju konna ser naqbżu l-Agenda u niddiskutu item 2.5 dwar ir-rapporti sabiex hija tkun tista' titlaq malli tlesti.

2.5.1 Approvazzjoni tar-Raba’ Kwart tal-*Financial Report 2019*

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tar-raba *Quarterly Financial Statements* Q4 (Ottubru – Diċembru 2018) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

2.5.2 Approvazzjoni Estimi Finanzjarji 2019
Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji tas-sena 2019 lis-Sindku u l-Kunsillier kollha. L-Accountant spjegat il-Financial Statements lill-Kunsill. Il-Kunsill approva dawn il-Financial Statements għas-sena 2019.

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus daħal għal laqgħa fil-5:31pm

2.2 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.2.1 Is-Sindku qal illi ref punt 1.2.4 (ingaġġ għal librara) issa kienet bdiet tagħtina s-servizz fil-librerija.

2.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ref punt 1.2.9 (irrifreskar taż-żebgħa) is-Slow Sign issa kienet saret.

2.2.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 1.3.7 (ref proġett tal-pjazza) kellha tiżdied ‘u Traffic Management’.

2.2.4 Is-Sindku qal illi kien talab biex il-kunsultazzjoni għal traffic management għal ref punt 1.3.7 isir għar-raħal kollu u għalhekk il-Kunsill kellu proposta ġdida sabiex isir dan ix-xogħol ukoll.

2.2.5 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal ref punt 1.3.7 (ref proġett tal-pjazza u traffic management) ma kienx jara l-ħtieġa illi jinħatar sotto kumitat.

Is-Sindku spjega kif ser issir il-konsultazzjoni tal-istess proġett. Huwa qal illi l-ewwel ser isir studju professjonali tar-raħal imbagħad wara jsiru l-workshops li jkunu miftuħin għal kulħadd.

Il-Viċi Sindku qal illi l-ewwel il-Kunsll għandu jara x’suġġeriment ser ikun hemm minn naħa tal-konsulent, imbagħad wara jiġu diskussi mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

2.2.6 Is-Sindku qal illi ref punt 1.3.14 (No Entry except for Residents only ta’ Triq San Tumas) ser ikun hemm il-problema illi minn ikun ser jidħol minn Triq Ħlantun ma jkollux fejn

imur. Il-Kunsill iddiskuta alternattivi oħra u qabel illi din it-talba għalissa għandha tinżamm pendenti sakemm isir l-istudju għal traffic management mar-raħal kollu.

2.2.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward il-bank tal-pjazza. Is-Sindku kkonferma illi l-bank issewwa u ser jerġa jeħel fil-post.

2.2.8 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa rigward is-Siġra mejta tal-pjazza meta kienet ser tinqala'. Is-Sindku qal illi konna rċievejna l-permess mill-ERA u l-istess siġra kellha tinqala' fil-ġimgħat li ġejjin.

2.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.3.1 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill illi nhar it-Tlieta 3 ta' Marzu kienet ser issir press conference fis-sala tal-Kunsill rigward l-iffirmar tal-ftehim bejn il-Kurja u d-Dipartiment tal-Anzjanita' Attiva fejn il-Mużew tas-subien l-antik se jkun qed jinbidel f'Centru tad-Dimenzja ta' matul il-jum u matul il-lejl.

2.3.2 Is-Sindku qal illi nhar il-Ħamis 5 ta' Marzu l-Kunsill kien ser jiltaqa' għall-ewwel darba mal-perit il-ġdid tal-Kunsill. Huwa stieden lill-Kunsilliera jattendu għall-istess laqgħa.

2.3.3 Is-Sindku qal illi l-President tar-Reġjun wera x-xewqa li jiltaqa' mal-Kunsilliera kollha. Is-Sindku ssuġġerixxa illi l-Kunsill għandu jistiednu għall-ewwel laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Il-Kunsill qabel.

2.3.4 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera rigward l-AGM tar-Reġjun. Is-Sindku qal illi l-Kunsilliera li ma kinux irreġistraw għall-istess laqgħa, kien għadhom fiċ-ċans li jirreġistraw. Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla talbet lis-Segretarju Eżekuttiv biex tirreġistraha.

2.3.5 Is-Sindku staqsa rigward e-mail li huwa kien bagħat lill-Kunsilliera għal suġġerimenti ta' toroq oħra li jistgħu jiġu asfaltati minflok Triq il-Kuċċaturi. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li huwa kien qed jissuġerixxi li ssir Triq San Pawl. Il-Kunsill iddiskuta l-possibilitajiet kollha u qabel illi bħala alternattiva għal Triq il-Kaċċaturi għandna nissuġerixxu li ssir Triq San Pawl sa l-sleeping police u Triq San Ġużepp. Il-Kunsill qabel.

2.3.6 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex nixtru *mobile book shelve* u notice board għal librara. Il-Kunsill qabel.

2.3.7 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba sabiex issir bozza ġdida fi Triq Bieb il-Ġarra. Is-Sindku qal li huwa kien mar fuq il-post u kkonferma illi veru kien hemm id-dlam. Huwa qal illi

kien tkellem mal-persuna li għamlet it-talba sabiex titlob permess ma sid id-dar fejn għandha teħel il-bozza. Il-Kunsill qabel li għandna nagħmlu din il-bozza.

2.3.8 Is-Sindku qal illi kien irċieva talba oħra għal bozza ġdida fi Triq San Gużepp. Huwa qal fejn hemm il-fanali hemm nuqqas ta' dawl. Il-Kunsill qabel illi għandna naraw fejn ser jeħel il-fanal ġdid.

2.3.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi żmien ilu kien ħareġ bis-suġġeriment illi għandha ssir il-manutenzjoni tal-fanali madwar ir-raħal. Il-Kunsill iddiskuta kif għandu jsir dan ix-xogħol u qabel illi għandna naraw mal-kuntrattur jekk hux possibbli li jitneħħa l-fuse u jinqala' l-fanal sakemm isir il-maintenance. Il-Kunsill qabel illi għandna nikkonsultaw mal-kuntrattur fuq din il-proposta.

2.3.10 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva il-proposta għal *Traffic Management System*. Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-proposal lill-Kunsilliera. Is-Sindku qara l-istess proposal lill-Kunsill u stieden ukoll lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-laqgħa li kienet ser issir mal-espert li ressaq din il-proposta. Saret diskussjoni u s-Sindku ppropona illi għandna nagħmlu dan l-istudju. Il-Kunsill qabel.

2.3.11 Is-Sindku qassam kopja ta' e-mail mingħand is-Sinjura Janice Azzopardi li kien irċieva l-Kunsill. Filwaqt li s-Sindku qara l-istess e-mail, huwa qal illi din l-email kienet mimlija ineżattezzi li huwa xtaq jiċċara u li jkunu mdaħħla fil-minuti.

1. Is-Sindku qal li l-ittra li l-Kunsill kien bagħat lis-Sinjura Janice Azzopardi sabiex tħallas 2,000 Euro ma kinux biss bħala ħlas għar-reklami tat-tabelli fit-toroq iżda skont l-agreement iffirmat bejn il-Kunsill u Sensara Malta. (Is-Sindku ħareġ kopja tal-agreement fuq il-mejda tal-Kunsill).

   Is-Sindku spjega li s-Sinjura Janice Azzopardi kienet tħallas għal sebgħa tabelli dirett lill-Kuntrattur u t-tlieta l-oħra dirett lill-Kunslii Lokali. Is-Sindku qal illi waqt laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill kien qabel illi jekk hija xtaqet tibqa' tħallas għar-reklami setgħet tagħmel dan. Pero', is-Sindku qal li l-kuntrattur kien informah li qala' t-tabelli wara li s-Sinjura Azzopardi ma kinitx ikkonfermat miegħu li ser tkompli bir-reklami.

   Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qabel ukoll li t-3 tabelli l-oħra kellhom ukoll jinqalgħu f'każ li s-Sinjura Azzopardi tibqa' ma tħallasx l-2,000 euro dovuti lill-Kunsill kif filfatt ġara u b'hekk spiċċaw inqalgħu wkoll flimkien mas-7 l-oħra. Dan skont kif kien ikkonfermat ukoll fil-minuti li ġew approvati waqt il-laqgħa ta' dakinnhar stess.

Is-Sindku qal illi għalkemm issemmiet il-kelma donazzjoni fl-ewwel paragrafu fl-ittra miktuba mis-Sinjura Azzopardi, is-Sindku jinsisti li dan il-ħlas ma kienx donazzjoni pero' sponsorship agreement li kien jinkludi:

(a) Reklam ta' Sensara Malta fil-fuljett tal-Kunsill li joħroġ 2 fis-sena (li dejjem sar)
(b) Banner fil-grawnd tal-futbol (li kellu jiġi provdut minn Sensara Malta u qatt ma wasal)
(c) 3 reklami mat-tabelli fit-toroq (li kienu saru)

2. Is-Sindku qal illi fit-tieni paragrafu s-Sinjura Azzopardi qegħda tgħid li t-tabelli saru għall-protezzjoni. Huwa qal illi dawn it-tabelli twaħħlu f'diversi postijiet fosthom il-Karwija u quddiem il-bandli fejn hemm il-ħadid tal-bandli mwaħħal mill-Kunsill stess bħala protezzjoni u ċertament li dawn it-tabelli (li mhumiex ta' materjal b'saħħtu) ma kienux qed iservu bħala protezzjoni pero' biss bħala riklam għall-Sensara Malta.

3. Is-Sindku qal li kien ser jaqbeż paragrafu 3 minħabba li kellu ħafna xi jgħid fuqu u se jħallih għall-aħħar.

4. Is-Sindku qal illi f'paragrafu 4 reġgħet semmiet il-kelma donazzjoni u reġa' qal illi l-1000 Euro fis-sena ma kinux donazzjoni. Is-Sindku spjega kif kienet qed taħdem is-sistema tar-reklamar fuq l-għamara tat-toroq. Huwa qal illi, l-ammont li jitlob il-kuntrattur lill-kumpanija li tkun ser jagħmel reklam, il-Kunsill ma jidħolx fiha. Il-Kunsill jieħu biss 80 Euros minn fuq kull tabella minngħand il-kuntrattur u dan kien isir skont by-law li kien għadda l-Kunsill stess u li kienet ġiet approvata mill-Ministru tal-Gvern Lokali.

5 Is-Sindku qal illi f'dan l-istess paragrafu kienet qed tissemma' terza persuna li kien l-organiser tal-Kunsill meta għamilna l-festa kulturali Qamar il-Għasel u li dwaru s-Sinjura Azzopardi kienet donnha trid tinftiehem li dan ħa jew kellu l-intenzjoni li jieħu xi flus fil-but minn wara dahar is-Sinjura Azzopardi fuq affarijiet sponsorjati minnha stess. Is-Sindku kellem lill-organiser dwar dan u l-organiser ikkonferma li s-Sinjura Janice Azzopardi kienet ħallset kollox hija direttament ta' dawn l-isponsorship u kkonferma li ma kien ħa ebda flus f'idejh minngħandha. Qal ukoll li kien qed jikkunsidra li jieħu passi legali dwar dan.

6 Is-Sindku qal illi rigward il-5K Road Race, is-Sinjura Janice Azzopardi jekk tat xi sponsorship dan għamlitu bona volonta' tagħha, u minn naħa tiegħu qatt ma talabha sabiex tagħti bilfors, kemm f'din l-attivita' u anke fl-attivitajiet l-oħrajn kollha. Is-

Sindku qal li kienet tkun hija stess li tħeġġu sabiex jgħidilha biex tidħol bħala sponsor kull meta kienet se tkun organizzata xi attivita' f'Ħal Safi.

7 Is-Sindku qal illi s-Sinjura Janice Azzopardi qed tallega wkoll illi l-Kunsill u s-Sindku ma kienux jagħtuha promozzjoni meta hija tisponsorja f'dawn l-attivitajiet. Is-Sindku caħad dan u semma' eżempji fejn il-flyers ta' Qamar il-Ghasel kollha ħarġu b'reklam sħiħ ta' Sensara Malta fuq wara, u waqt l-istess attivita' l-organizzaturi u l-helpers libsu flokkijiet bir-reklam ta' Sensara Malta. Kemm fuq il-paġna tal-Facebook tal-Kunsill u anke meta kien jitkellem is-Sindku dejjem kienu jsemmu u jirringrazzjaw lill-kumpanija Sensara Malta tal-isponsorships. Is-Sinjura Janice Azzopardi kienet ukoll ingħatat memento ta' ringrazzjament mill-Kunsill Lokali waqt l-attivita' 'Law Enforcers and First Responders' organizzata mill-Kunsill Lokali flimkien mal-Blue Light Foundation.

8. Is-Sindku qal illi fejn qed tgħid is-Sinjura Janice Azzopardi li qegħda tiġi misruqa mill-Kuntrattur għat-tabelli, spjega li l-Kunsill qatt ma daħal fuq il-prezz li kien qed jitlobha l-kuntrattur. Dik kienet xi ħaġa bejn Sensara Malta u l-kuntrattur biss.

9. Is-Sindku qal illi fl-aħħar is-Sinjura Janice Azzopardi semmiet in-notice board li hemm fil-pjazza u li allegat li huwa kien qal li n-notice board ma tinqalax bi sfida magħha. Is-Sindku qal li, għal kontra dak allegat mis-Sinjura Azzopardi, in-notice board ma kienetx qed tmiss mal-faccata tal-propjeta' tagħha pero' kienet fuq il-bankina li hija propjeta' tal-Kunsill. Is-Sindku kompla illi rigward l-Electric Charging Bay, din ma kinitx saret mill-Kunsill u hekk kif kien irċieva l-ilment minngħand is-Sinjura Azzopardi, il-Kunsill kien insista ma' Transport Malta li titneħħa u meta baqgħet ma tneħħietx is-Sindku stess kien bagħat lill-ħaddiema tal-Kunsill biex ineħħuha.

10 Is-Sindku qal illi fit-3 paragrafu s-Sinjura Janice Azzopardi kienet qed tallega illi fil-każini u f'kull rokna tar-raħal għandna d-droga u li ħadd ma huwa qed jagħmel xejn dwarha anzi l-problema qed tintefa' taħt it-tapit. Is-Sindku qal illi dan kien statement qawwi u meta fil-passat il-Kunsill kien irċieva ittri anonimi bħal dawn dejjem ħa azzjoni fuqhom. Is-Sindku qal illi fuq din il-problema kien mar b'din l-email u tkellem mas-Supretendent tal-Pulizija fl-għassa taż-Żejtun. Huwa qal illi minn informazzjoni li għandu, il-pulizija bagħtu għas-Sinjura Azzopardi sabiex tgħaddilhom iktar informazzjoni pero' minn naħa tagħha hi ma tat ebda informazzjoni lill-Pulizija dwar dak li kienet kitbet f'din l-email.

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal illi huwa kien jiffrekwenta wieħed mill-Każini u li kien imur f'diversi ħinijiet, pero' qatt ma kien ra xejn. Huwa qal illi mportanti illi

jekk persuna tkun taf xi ħaġa għandha tavża jew lis-Segretarju jew inkella lill-President u dan għandu jsir anki minħabba dawk il-ġenituri li forsi ma jafux li uliedhom qed jieħdu d-drogi.
Il-Viċi Sindku ppropona illi għandna niktbu lit-3 każini u ninfurmawhom dwar dawn l-allegazzjonijiet miktuba mis-Sinjura Azzopardi f'din l-email. Il-Kunsill qabel.

2.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

2.4.1 Il-Viċi Sindku qal illi xtaq ikun jaf jekk kinux qed isiru korsijiet tal-ECDL bażiku u avvanzat. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tiċċekja jekk humiex ser isiru fil-futur, pero' meta kienu ser isiru kienu applikaw biss 3 studenti u li kellhom imorru f'lokalijiet oħra.

2.4.2 Il-Viċi Sindku qal illi persuna kienet qed tistaqsih rigward il-card tas-75+. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li jekk kienet għal tal-linja card kienet ser tikkonsulta mal-iskrivan għaliex dan l-aħħar konna iċċekjajna kif taħdem għal resident minn Ħal Safi.

2.4.3 Il-Viċi Sindku qal illi nhar ta' Ħadd wara nofsinhar kien hemm xi individwi li kienu qed imorru Misraħ Ħlantun u jsajru bbq bil-ġebel tas-sejjieħ. Il-Kunsill qabel illi għandna nibagħtu lment lil Pulizija sabiex isiru l-ispezzjonijiet.

2.4.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi kien hemm bżonn li jsir l-iffreskar tal-linji tat-toroq għaliex kienu qed jiċċaraw. Is-Sindku qal illi l-ħaddiem diġa' kienu bdew b'dawn ix-xogħolijiet.

2.4.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward il-bozza ta' Gawhar. Is-Sindku kkonferma illi l-Enemalta kienu kkonnettjaw l-istess bozza għaliex l-iskrivan kien mar jiċċekjaha.

2.4.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk kienx hemm xi lista ta' kif il-Kunsill kien ser jagħmel il-bankini għaliex Triq is-Summien jidher li għandha bżonn issir.

2.4.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet rigward il-parking spaces fi Triq Dun Gużepp Caruana. Is-Sindku kkonferma li dawn ser isiru max-xogħolijiet.

2.4.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk is-Sindku kellux konferma illi Triq San Gwann kienet ser tinqala'. Is-Sindku qal illi Triq San Gwann kien hemm il-ħsieb li ssir pero' meta ġiet il-perita rat illi kienet fi stat tajjeb u li għalhekk ma kellhiex bżonn li ssir.

Is-Sindku qal illi huwa kien avża illi din it-triq kellha l-problema tal-ilma u qal illi għalhekk kien issuġġerixxa illi jsir il-ġibjun fi Triq il-Kuccard. Is-Sindku qal illi huwa kien issuġerixxa illi jsir survey sabiex jaraw jekk hix vijabbli li ssir u jekk il-ġibjun kienx ser isolvi l-problemi. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi parti mit-triq kienet sfrundata u li mqarr li jekk mhix ser issir din it-tirq allura ssir din il-parti sfrundata.

2.4.9 Il-Kunsillier staqsa jekk il-Kunsill kienx ħa azzjoni sabiex il-problema tal-livelli tal-bankini ssir fuq livell reġjonali. Il-Kunsill iddiskuta din il-problema u qabel illi din hija problema nazzjonali u għandha titqajjem fuq livell nazzjonali iżjed milli Reġjonali.

2.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill setax jagħmel manutenzjoni lill-Kunvent tas-Sorijiet bħalma dħalna bi sħab mal-Kappillan fuq ir-restawr taċ-Ċentru Parrokjali u l-Knisja ta' Santa Marija. Is-Sindku qal illi din kienet dar tas-sorijiet Dumnikani u li l-Kunsill m'għandux x'jaqsam. Is-Sindku kkonferma illi l-binjiet tal-Knisja u ċ-Ċentru Parrokkjali huma binjiet storiċi u r-restawr tagħhom ser jitgawda mill-komunita' kollha li tuża dawn il-postijiet filwaqt li d-Dar tas-Sorijiet hija waħda privata.

2.4.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kellux komunikazzjoni mad-dipartiment għal Kura attiva tal-Anzjani. Is-Sindku kkonferma illi l-Kunsill ilu żmien twil jaħdem ma dan id-dipartiment u issa kien strumentali ukoll sabiex isir l-iffirmar tal-agreement għad-Dimentia u Night Shelter f'Ħal Safi.

2.4.12 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi r-regoli l-ġodda li jirrigwardjaw il-premju Onorifiċenza ser jerġgħu jirreveduhom għaliex bħal issa min ġie nieqes ma jistax jiġi nominat u din għandha terġa tinbidel.

2.4.13 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa x'ser isir rigward il-ħajt ta' Triq il-Kenn. Is-Sindku qal illi l-Kunsill ma jistax itella' ħitan privati. Il-Kunsillier Cocker qal illi tal-anqas il-Kunsill għandu jikteb lill-pulizija u lill-Infurzar sabiex isir enforcement sabiex jerġa' jitla' l-ħajt u jitnaqqas il-periklu. Il-Kunsill qabel illi għandu jsir dan.

2.4.14 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi twaħħlu partita tabelli bla sens. Is-Sindku qal illi dawn it-tabelli twaħħlu minħabba fix-xogħolijiet li ser isiru fi Triq San Gwann. Is-Sindku qal illi meta tweħħlu kien talab illi dawn għal issa jitghattew għaliex ix-xogħolijiet kienu għadhom ma bdewx.

2.4.15 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq il-Kuċċard fejn il-qabar saret bankina irrampata 'l fuq minn 20 pied li fil-fehma tiegħu ġiet perikoluża. Is-Sindku qal illi dik kienet cycle lane. Huwa qal illi anki lilu kienu waslulu xi lmenti u li kien issuġġerixxa illi

jeħlu l-bollards oranġjo sabiex jitnaqqas il-periklu. Il-Kunsill qabel illi għandna nressqu lment fuqha u li jeħlu l-bollards jekk ma tinstabx soluzzjoni aħjar.

2.5 L-Account ippreżentat ir-rapport finanzjarju fil-bidu tal-laqgħa.

2.6 Ħatra Data Protection Officer

2.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien ħatar bħala Data Protection Officer preżenti b'mod temporanjament. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi issa li l-Kunsill kien impjega skrivan fi Skala 11, u qiegħed jaċċetta li jkollu din il-kariga ukoll, tissuġerixxi lill-Kunsill illi jinħatar huwa minflok. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.7 Jum Ħal Safi

2.7.1 Is-Sindku qal illi din is-sena Jum Ħal Safi ser ikun ċċelebrat nhar il-Ħadd 19 ta' April peress illi l-Ħadd ta' qabel ikun l-Għid il-Kbir. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera jekk kellhomx xi ideat ġodda sabiex inkunu nistgħu ninkluduhom mal-attivitajiet li nagħmlu normali jiġifieri:

1. Premju Onorifiċenza
2. Quddies ta' radd il-Ħajr u wara riċeviment fis-Sala Pietru Pawl Busuttil
3. Nistiednu l-Blood Donation Unit
4. Kompetizzjoni tar-Ritratti.

2.8 Korrispondenza

Il-Kunsill iddiskuta xi punti mill-korrispondenza.

2.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

2.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-8.30pm.Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 18 ta' Marzu, 2020 fil-5:00pm

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Doris Baldacchino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |